



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.6.2016
COM(2016) 354 final

2016/0163 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/676/UE li tawtorizza lir-Rumanija biex tkompli tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva tal-VAT"), il-Kunsill, billi jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jawtorizza li Stat Membru japplika miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva biex tiġi ssimplifikata l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew biex jiġu evitati ċerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa.

Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fid-9 ta' Frar 2016, ir-Rumanija talbet estensjoni tad-deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT biex jiġi applikat mekkaniżmu tar-reverse charge għall-prodotti tal-injam. B'konformità mal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba tar-Rumanija, permezz ta' ittra datata t-23 ta' Marzu 2016. Permezz tal-ittra tad-29 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Rumanija li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.

• Il-Kuntest Ġenerali

Bħala regola ġenerali, l-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT jistipula li l-persuna taxxabbli li tkun qed tippovdi merkanzija jew servizzi normalment hija responsabbli għall-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT).

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, fl-2009 ir-Rumanija talbet deroga biex tkun awtorizzata tapplika l-mekkaniżmu tar-reverse charge għal, *inter alia*, provvisti ta' prodotti tal-injam. Skont din il-proċedura, il-persuna taxxabbli, li għaliha jsiru l-provvisti, issir responsabbli għall-ħlas tal-VAT. Dawn il-prodotti tal-injam jinkludu, b'mod aktar speċifiku, injam mhux maqtuġh, injam tond jew bix-xaqq biex jinħadem, injam biex jintuża bħala fjuwil, prodotti tal-injam, kif ukoll injam bit-tarf kwadru jew imxellef u injam ħarex, ipproċessat jew nofsu maħdum.

Din it-talba ġiet approvata mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/583/UE¹ sal-31 ta' Diċembru 2013 u, fir-rigward tal-prodotti tal-injam, sussegwentement estiża sal-31 ta' Diċembru 2016 bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/676/UE².

Ir-Rumanija issa talbet għall-estensjoni tad-deroga dwar l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge għal provvisti ta' dawn il-prodotti tal-injam.

Abbażi tar-rapport mibgħut mir-Rumanija, li ġie ppreżentat flimkien mat-talba għall-estensjoni tal-miżura, il-ħatra tar-riċevitur bħala l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT fuq il-provvisti tal-prodotti tal-injam imsemmija hawn fuq kellha l-effett li tipprevjeni l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa f'dan is-settur li huwa kkaratterizzat minn għadd kbir ta' bejjieġha mill-ġdid u intermedjarji zġhar li deher li kien diffiċli biex jiġu kkontrollati. Għaldaqstant, l-estensjoni għal perjodu limitat ieħor tidher ġustifikabbli billi ma jidherx li l-miżura kellha impatt negattiv fuq il-frodi fil-livell tal-bejgħ bl-immnut, jew f'setturi oħrajn fi Stati Membri oħra.

¹ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/583/UE tas-27 ta' Settembru 2010 li tawtorizza lir-Rumanija biex tintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 256, 30.9.2010, p. 27).

² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/676/UE tal-15 ta' Novembru 2013 li tawtorizza lir-Rumanija biex tkompli tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 316, 27.11.2013, p. 31).

Madankollu, kull estensjoni ġdida għandha tkun limitata fiż-żmien biex ikun jista' jiġi vvalutat jekk il-kundizzjonijiet li fuqhom hija msejsa jkunux għadhom validi. Għaldaqstant huwa propost li t-talba tingħata sal-31 ta' Diċembru 2019 u li r-Rumanija għandha tippreżenta rapport, li jkun jinkludi reviżjoni tal-effiċjenza tal-miżura u evalwazzjoni tar-riskju ta' frodi fis-settur tal-injam, jekk tkun prevista talba għal estensjoni ġdida wara dik id-data.

2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORIZZJONALITÀ

• Bażi legali

L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

• Is-sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)

Meta titqies id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li fuqha hija bbażata l-proposta, il-proposta taqa' fil-kompetenza esklussiva tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

• Il-Proporzjonalità

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru fuq talba tiegħu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat tad-deroga, il-miżura speċjali hija proporzjonata mal-għan li qed jiġi segwit, jiġifieri l-prevenzjoni ta' ċerti forom ta' evażjoni jew evitar tat-taxxa f'settur speċifiku.

• L-għażla tal-istrument

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, deroga mir-regoli komuni tal-VAT hija possibbli biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, Deċiżjoni tal-Kunsill hija l-aktar strument adattat billi tista' tiġi indirizzata lil Stati Membri individwali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

• Il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati

Din il-proposta hija bbażata fuq talba mir-Rumanija u tikkonċerna biss lil dan l-Istat Membru.

• Il-ġbir u l-użu tal-għarfien espert

Ma kienx hemm bżonn ta' għarfien espert estern.

• Il-valutazzjoni tal-impatt

Il-proposta għad-Deċiżjoni għandha l-għan li tipprevjeni ċerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa fis-settur tal-injam u għalhekk għandha impatt potenzjalment pożittiv billi se tkompli tipprevjeni skemi ta' frodi li ġew applikati qabel f'dan is-settur tal-injam. Skont ir-Rumanija, jekk din il-miżura ma tiġix estiża, il-qawmien mill-ġdid ta' dawn l-iskemi ma jkunx jista' jiġi evitat.

Madankollu, minħabba l-kamp ta' applikazzjoni ristrett tad-deroga u l-applikazzjoni limitata fiż-żmien, f'kull każ l-impatt se jkun limitat.

4. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta mhux se jkollha l-ebda implikazzjoni negattiva għall-baġit tal-UE.

5. ELEMENTI OĦRA

Il-proposta tinkludi klawżola ta' estinzjoni; terminu preskrittiv awtomatiku li huwa stabbilit għall-31 ta' Diċembru 2019.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/676/UE li tawtorizza lir-Rumanija biex tkompli tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud³, u b'mod partikolari l-Artikolu 395 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE jipprevedi li persuna taxxabbli li ttipprovi merkanzija jew servizzi hija, bħala regola ġenerali, responsabbli għall-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) lill-awtoritajiet tat-taxxa.
- (2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/583/UE⁴ u sussegwentament id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/676/UE⁵ awtorizzaw lir-Rumanija biex tapplika miżura ta' deroga biex taħtar persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT fil-każ ta' provvisti ta' prodotti tal-injam minn persuni taxxabbli.
- (3) Permezz tal-ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fid-9 ta' Frar 2016, ir-Rumanija talbet l-awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika l-miżura wara l-31 ta' Diċembru 2016.
- (4) Il-Kummissjoni informat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba tar-Rumanija f'ittra datata t-23 ta' Marzu 2016. Permezz ta' ittra ddatata d-29 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Rumanija li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.
- (5) Qabel din l-awtorizzazzjoni biex tiġi applikata r-reverse charge għall-provvisti tal-injam, ir-Rumanija kellha problemi fis-suq tal-injam minħabba n-natura tas-suq u n-negozji involuti. Skont ir-rapport tar-Rumanija, ippreżentat flimkien mat-talba għall-estensjoni tal-miżura, il-ħatra tar-riċevitur bħala l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT kellha l-effett li tipprevjeni l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa f'dan is-settur u għalhekk tibqa' ġustifikata.
- (6) Il-miżura hija proporzjonata mal-għanijiet li riedu jintlaħqu peress li mhijiex maħsuba biex tapplika b'mod ġenerali, iżda biss għal operazzjonijiet speċifiċi ħafna f'settur li jippreżenta problemi konsiderevoli ta' evażjoni jew evitar tat-taxxa.

³ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

⁴ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/583/UE tas-27 ta' Settembru 2010 li tawtorizza lir-Rumanija biex tintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 256, 30.9.2010, p. 27).

⁵ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/676/UE tal-15 ta' Novembru 2013 li tawtorizza lir-Rumanija biex tkompli tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 316, 27.11.2013, p. 31).

- (7) Il-miżura, fil-fehma tal-Kummissjoni, m'għandux ikollha xi impatt negattiv fuq il-prevenzjoni ta' frodi fil-livell tal-bejgħ bl-imnut, f'setturi oħra jew fi Stati Membri oħra.
- (8) L-awtorizzazzjoni għandha tkun limitata sal-31 ta' Diċembru 2019.
- (9) Fl-eventwalità li r-Rumanija tqis il-ħtieġa ta' estensjoni oħra lil hinn mill-2019, għandu jittressaq rapport ġdid flimkien mat-talba għall-estensjoni lill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-1 ta' April 2019.
- (10) Il-miżura ta' deroga ma għandha l-ebda impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jirriżultaw mill-VAT.
- (11) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/676/UE għandha tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/676/UE hija emendata kif ġej:

Fl-Artikolu 1, id-data "31 ta' Diċembru 2016" issir "31 ta' Diċembru 2019".

Fl-Artikolu 3, id-data "1 ta' April 2016" issir "1 ta' April 2019".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Rumanija.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*